MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 175/2004

Kawza fil-lista: 45

**A B C**
**Vs**
**Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tal-14 ta' Lulju 2004 kuraturi deputati biex jirrappresentaw l-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fl-4 ta' Marzu 2003, il-partijiet ghaddew minn cerimonja ta' zwieg fir-Registru Pubbliku Valletta hekk kif jidher mill-anness certifikat mmarkat bhala PCA1.

Peress illi l-konvenuta hija cittadina Marokkina li zzewget lill-attur sempliciment ghaliex riedet tottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghax riedet tidhol f'rabta taz-zwieg mieghu;

Premess illi l-istess zwieg qatt ma gie kkonsmat, stante li l-intimata abbandunat l-attur immedjatament wara z-zwieg.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet jew wiehed minnhom, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga bi ksur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Premess illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq;

Ghalhekk tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti null u minghajr effett ai termini ta' l-Artiklu 19(1)(d) u (f) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255) kif sussegwentement emendata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma m' humiex edotti mill-fatti u qeghdin jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarrazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta celebrat fl-4 ta’ Marzu 2003 huwa null fil-ligi, in forza ta’ dak li hemm kontemplat fil-paragrafu [d][f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attur jiddeponi, u taghtih affidament.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-4 ta’ Marzu 2003 l-attur, li dak iz-zmien kellu 20 sena izzewweg lill-konvenuta, mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina u li dak iz-zmien kellha 27 sena, wara li dawn kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal xi xhur. L-attur jghid li dawn ma kellhomx relazzjoni sesswali qabel iz-zwieg minhabba li r-religjon li thaddan il-konvenuta ma kienitx tipprermettih u l-konvenuta ma rieditx u izda riedet tistenna sakemm jizzewgu. Sussegwentement il-partijiet izzewgu fid-data precitata, izda ghalkemm il-pjan kien li dawn imorru jghixu flimkien fl-appartament taghha gewwa ta’ Sliema, dan qatt ma sehh, u meta l-attur mar f’ dan il-post wara z-zwieg ma sab lil hadd. Sussegwentement cemplitlu l-konvenuta u qaltlu li ma kienitx thobbu u li hu kien ghadu zghir u li setgha ssib tfajliet kien ried. L-attur jikkonferma kategorikament li z-zwieg bejniethom qatt ma gie kkonsumat. Huwa jghid li l-konvenuta kienet dahqet bih u li kienet izzewgitu biss bis-skop li tkun tista’ tghix Malta.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ <u>att pozittiv tal-volonta’</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Fil-kaz odjern jirrizulta car li l-konvenuta, ghalkemm eseternament ghaddiet minn cerimonja ta’ zwieg, hija fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha, eskludiet internament b’ att pozittiva tal-volonta’ taghha z-zwieg fih innifsu. Il-kunsens taghha kien ghalhekk vizzjat stante li meta kkuntrattat iz-zwieg, hija internament eskludiet iz-zwieg u esternament kienet tat il-kunsens taghha unikament bl-iskop li takkwista c-cittadinanza Maltija. Dan jispjega ghaliex bl-agir tal-konvenuta z-zwieg ma kienx gie kkonsumat. Ghalhekk f’ dan il-kaz jikkonfigura dak kontemplat fil-paragafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, kif ukoll ir-raguni ghall-annullament taz-zwieg kontemplata fl-Artikolu 19A.

Rigward dak kontenut fil-paragrafu [d] ta’ l-istess Artikolu, il-Qorti tosserva li f’ dan il-kaz huwa applikabbli l-insenjament tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza *App.C. Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi – 5.11.2005* fis-sens li l-kawzali tad-difett serju ta’ diskrezzjoni kontemplata fil-para. [d] hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni – wahda proprjament teskludi lill-ohra. “Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju … irid ikun hemm l-<u>inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali</u> [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li wiehed <u>jaghraf u jirrifletti</u> jew li <u>jiddecidi liberament</u> [jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta’ ta’ l-ghazla] fuq l-oggett tal-kunsens matirmonjali” *[PA Alex Tonna vs Anna Tonna 10.09.1997 u PA Samuela Lea Pavia vs John Pavia – 20.05.1996].* Is-simulazzjoni invece, peress li tirrikjedi l-eskluzjoni b’ att posittiv tal-volonta’ dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula <u>l-kapacita’</u> li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita’ wiehed jaghzel li jaghmel l-eskluzjoni posittiva fuq riferita.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-Artikoli precitati u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kkuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta’ Marzu 2003.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuta, izda provvisorjament l-ispejjez u drittijiet tal-Kuraturi Deputati jkunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------